MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 297/2005

**Il-Perit Martin Xuereb u l-Perit Arthur Apap f'isimhom proprio esercenti l-professjoni taghhom taht l-isem "Xuereb & Apap Architects"**

**vs**

**Hili Investments Management Ltd (C 17538)**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premettew:

Illi l-atturi huma kredituri tas-socjeta` konvenuta fis--somma komplessiva ta' hamsin elf erba' mija tnejn u sittin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm50,462.98) rappresentanti hlas ghall-servizi professjonali rezi lis-socjeta` konvenuta fuq ordni taghha stess. Kollox skond kif jidher fl-i*statement* hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MX1.

Illi s-socjeta` konvenuta kienet offriet illi thallas is-somma fuq indikata f'rati mensili ta' seba’ t’elef u hamses mitt Liri Maltin (Lm7,500), kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. MX2, izda xorta wahda baqghet ma effettwat ebda pagament.

Illi minkejja illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata kemm il-darba sabiex thallas hija baqghet inadempjenti, u dan minkejja diversi promessi ta' pagament.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-atturi, s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza *ai termini* tal-**Artiklu 167** tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Illi ghalhekk l-atturi talbu li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex (1) taqta' u tiddeciedi il-kawza *ai termini* tal-**Artiklu 167** tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u (2) tikkundannaha thallas lill-atturi s-somma fuq indikata ta' hamsin elf, erba' mija, tnejn u sittin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm50,462.98c) - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali kalkolabbli minn Jannar 2003 u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar 2005 u tal-Mandat ta' Sekwestru ippresentat kontestwalment mal-presenti kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat l-affidavit tal-attur Martin Xuereb u d-dokumenti l-ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi u l-atti kollha annessi mac-citazzjoni attrici.

Rat li s-socjeta` konvenuta Hili Investments Management Limited debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejjha tlett darbiet lanqas ma deheret.

Rat in-nota ta' riduzzjoni prezentata minn Dr Joseph Schembri ghan-nom ta' l-atturi *seduta stante* li biha rriducew it-talba b'ghaxar t'elef Liri Maltin (Lm10,000) *stante* pagament akkont fil-mori tal-kawza fis-seduta tallum 19 ta' Jannar 2006, u l-verbal ta' l-istess steduta fejn is-socjeta` konvenuta msejha diversi drabi baqghet ma dehritx.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-**Artikolu 167** *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tal-atturi** limitatament ghas-somma ta' erbghin elf, erba' mija u tnejn u sittin Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm40.462.98) u bl-imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni attrici mill-31 ta' Jannar 2003 sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------